

# It-tweġiba tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta

45. Sabiex jibbenefikaw bis-sħiħ mill-bidla introdotta mir-Regolament tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCG) tal-2019 u minn meta l-Bord ta' Tmexxija tal-Frontex jadotta l-atti ta' implimentazzjoni dwar l-ipproċessar ta' *data* personali, il-Frontex u l-Europol beħsiebhom jiżviluppaw Arranġament ta' Ħidma ġdid li jkun jirrifletti l-mandati l-ġodda taż-żewġ aġenziji u jiffaċilita l-iskambju ta' *data* personali. Barra minn hekk, l-iskambju ppjanat tal-Uffiċjali ta' Kollegament bejn iż-żewġ Aġenziji għandu jkompli jikkontribwixxi għall-kooperazzjoni mtejba u l-iskambju tal-informazzjoni.